MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 9/1996/1

.Maria xebba Camilleri .

vs

Peter Paul Azzopardi .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet :

Illi l-attrici ghal zmien twil, fuq insistenza ta' zitha Rachele Azzopardi rrendiet diversi kuri u assistenzi lill-istess Rachele Azzopardi li mietet fit-3 ta' Awissu, 1995 (Dok. A) ;

Illi b'testment li sar ghand in-Nutar Paul George Pisani tat-22 t'Awissu 1994, l-istess Rachelle Azzopardi nnominat bhala eredi universali lill-konvenut (Dok. B) ;

Illi l-istess Rachele Azzopardi ghalkemm dejjem kienet twieghed lill-attrici li sejra tikkompensaha tal-istess servigi, kuri u assistenzi minnha rezi dina la qatt hallsitha u lanqas b'xi mod ikkompensata tal-istess servigi, kuri u assistenzi minnha lilha rezi ;

Illi l-istess konvenut, nonostante li gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq bonarjament ghall-likwidazzjoni u hlas tal-istess servigi, kuri u assistenzi rezi mill-attrici lill-mejta Rachele Azzopardi, dana baqa' inadempjenti .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-istess attrici ghandha dritt tigi kkumpensata ghad-diversi servigi, kuri u assistenzi rezi lill-mejta Rachele Azzopardi matul dawn l-ahhar diversi snin ;
2. Tillikwida l-istess servigi, kuri u assistenzi rezi mill-attrici lill-mejta Rachele Azzopardi matul dawn l-ahhar diversi snin, u dana okkorrendo permezz ta' permezz ta' perit li ghandu jigi nominat ghall-istess fini ;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut bhala eredi ta' din Rachele Azzopardi li jhallas lill-attrici l-ammont kollu ta' kumpens hekk likwidat .

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru 1995 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek .

Bl-imghaxijiet skond il-ligi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici debitament mahlufa minnha .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex mhux veru illi l-attrici rrendiet servigi, kuri u assistenzi lil Rachele Azzopardi skond kif allegat minnha; kif ukoll mhux veru illi jekk hija rrendiet xi ftit servigi dawn gew rezi bl-animu fiz-zewg partijiet illi hija tithallas ta'

dawn is-servigi u billi fi kwalunkwe kaz, Rachele Azzopardi kienet puntwalment thallas lill kull min jirrendihom u kwindi ma ghandha thallas xejn lill-attrici .

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut mahlufa minnu .

Rat il-verbal taghha tad-19 ta' Frar 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :
Illi din hija kawza fejn qed jintalab kumpens ghal servigi allegatament resi mill-attrici liz-zija taghha Rachele Azzopardi, illum mejta[1] u li halliet bhala eredi universali taghha lill-konvenut[2] .
Dwar talbiet simili inghad mill-Qrati taghna illi :

"…. *in tema legali l-gurisprudenza taghna hija konkordi fil-principju li fil-kaz ta' servigi, jista' jkun dovut kupens anki jekk dana ma jkunx pattwit, meta mill-konkors tac-cirkostanzi jidher li l-hlas hu dovut . Gie kemm-il darba ritenut li l-prestazzjoni gratwita m'ghandhiex tkun prezunta, u l-intenzjoni li wiehed jirregala s-servigi tieghu u jirrinunzja ghall-kumpens m'ghandiex tigi facilment akkolta . Hekk kwalukwe servigju jigi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens . Dana ghandu japplika b'mod specjali fil-kaz ta' servigi hekk imsejha 'di bassa lega' bhal ma huma l-hasil tal-hwejjeg mahmuga, u l-facendi tad-dar*."[3]

Il-konvenut bazikament qed jichad illi l-attrici kienet irrendiet xi servigi lill-imsemmija Rachele Azzopardi, u

[1] Dok. A anness ma' c-citazzjoni .
[2] Dok. B anness ukoll ma' c-citazzjoni .
[3] Balzan et vs Degiorgio et. 23.2.1959; vol. XLIII. II. 649; Axiaq vs Mifsud et . 9.1.1952; vol. XXXVI. III. 588 u l-gurisprudenza hemm ikkwotata; ara wkoll Giuseppa Spiteri vs Henry Micallef, deciza minn din il-Qorti fil-5.3.1974 .

jekk fil-fatt jirrizulta li ghamlet xi haga ghaliha, dan qatt ma sar b'xi animu fiz-zewg partijiet ghal kumpens . Dwar din it-tieni raguni ghaliex m'ghandux jinghata kumpens lill-attrici, l-Qorti gia ccitat mill-gurisprudenza lokali li dejjem kienet konkordi fis-sens illi *omnia labor optat premium,* anke meta dan ikun sar ma' membri tal-familja . Ghalhekk il-fatt illi ma kien hemm ebda ftehim dwar kumpens ma jeskludix id-dritt ta' l-attrici illi tithallas jekk jirrizulta illi din tassew irrendiet xi servigi lill-mejta .

L-attrici xehdet illi ghamlet zmien tmur ghand zijitha xi darbtejn fil-gimgha taghmlilha l-facendi li kellha bzonn bhal hasil ta' hwejjeg u l-art u tibdil ta' hwejjeg minn fuq persunitha[4] . L-attrici ma tispecifikax iz-zmien kollu li tghid li ghamlet iddur b'zijitha, imma f'kazijiet simili, meta ma jkunx hemm xi nterruzzjoni ta' preskrizzjoni jew xi rikonoxximent dwar dawn is-servigi bhal f'xi testment jew kuntratt maghmul mill-persuna moqdija, il-kumpens skond il-ligi jigi limitat ghal dak li sar fl-ahhar hames snin tal-hajja ta' dik il-persuna[5] . Rachele Azzopardi mietet ta' disghin sena[6] u ghalhekk ta' dik l-eta' venerabbli zgur li kellha bzonn xi tip ta ghajnuna . Li l-attrici ghamlet xi zmien tmur ghand l-attrici gie konfermat mix-xhieda ta' Dottor Anton Refalo[7] u ta' Joseph Portelli,[8] li t-tnejn tawha *lift* f'okkazzjonijiet differenti fi triqitha ghal ghand iz-zija taghha, peress illi din kienet toqghod certa distanza l' boghod minnha .

Minn naha l-ohra l-konvenut jghid illi kien hu u mhux l-attrici li kien jiehu hsieb lil Rachele Azzopardi . Infatti kien anke qabbdilha *helper* mid-Dipartiment tal-kura ta' l-anzjani, li kienet anke taghmlilha x-xirja mill-hanut tieghu . Huwa anke esebixxa xi notamenti li juru kif kien inizzel dak li kienet tixtri l-*helper* ghal din Rachele Azzopardi[9] u mbaghad jiehu hsieb hu ghall-hlas . Pero' mix-xhieda ta' Moira Borg in rapprezentanza tad-direttur tad-Dipartiment

---

[4] ara deposizzjoni ta' l-attrici tat-30 ta' April 1998 a fol. 20 - 22 tal-process .
[5] art.2156(f) tal-Kap. 16 .
[6] ara certifikat tal-mewt relattiv Dok. A .
[7] ara deposizzjoni tieghu tal-11.2.2000 a fol. 44 - 45 .
[8] ara deposizzjoni tieghu ta' l..6.1999 a fol. 31 - 34 .
[9] Dokti PPC. 1 u PPC 2 a fol. 75 – 76 .

tas-Servizzi Socjali rrizulta illi Rachele Azzopardi nghatat is-servizz ta' *helper* ghall-perijodu bejn it-22 ta' Novembru 1994 u l-31 ta' Lulju 1995.[10] Infatti Rachele mietet tliet ijiem biss wara fit-3 ta' Awissu 1995 .[11] Jigi ghalhekk illi din il-*helper* lahqet marret ghand iz-zija ta' l-attrici ghal perijdu ta' tmien xhur biss .

F'tali cirkostanzi huwa evidenti illi l-attrici m'ghamlitx xi servigi ta' natura kbira hafna, imma xorta wahda haqqa xi tip ta' kumpens ghal dak li ghamlet fuq firxa ta' cirka erba' snin sakemm ingiebet il-*helper* ghal Rachele . Ghall-hasil u facendi ohra fid-dar ta' Rachele Azzopardi darbtejn fil-gimgha, tenut kont ukoll taz-zmien meta gew resi dawn is-servigi, u cioe' bejn is-snin 1990 - 1994, u anke l-fatt illi l-attrici kellha certa distanza xi tkopri sabiex tasal ghand zijitha, hija l-fehma tal-Qorti illi zewg liri maltin (Lm2) ghal kull darba li marret ghand zijitha b'dan l-iskop ghandhom ikun adegwati . Jigi ghalhekk illi huwa dovut lill-attrici :

Lm2 x 2 x 52 x 4 = Lm832, tmien mija tnejn u tletin lira maltija .

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara illi l-istess attrici ghandha dritt tigi kumpensata ghad-diversi servigi, kuri u assistenzi rezi lill-mejta Rachele Azzopardi matul l-ahhar hames snin ta' hajjitha ;

2. tillikwida l-istess servigi, fis-somma ta' tmien mija tnejn u tletin lira maltija (Lm832) ; u

3. tikkundanna lill-konvenut bhala eredi ta' l-imsemmija Rachele Azzopardi li jhallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat .

Bl-spejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-4 ta' Dicembru 1995, kontra l-istess konvenut .
S996Pc

[10] ara deposizzjoni Moira Borg tal-20.6.2002 a fol. 71 .
[11] ara certifikat tal-mewt taghha gie indikat .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------